

31994R1131

19.5.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 127/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1131/94
tas-16 ta' Mejju 1994**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 337/75 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ
Vokazzjonali**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri, fl-aqgħa flivell ta' Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern, meta adottaw id-Deċiżjoni tad-29 ta' Ottubru 1993 dwar il-lokazzjoni tas-sedi ta' ċerti korpi u dipartimenti tal-Komunità Ewropea u tal-Europol ⁽⁴⁾, adottaw ukoll dikjarazzjoni bi ftehim komuni, dwar il-lokazzjoni tas-sede taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 ta' l-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali ⁽⁵⁾, għandu jkun emendat fir-rigward tas-sede taċ-Ċentru;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 16 ta' Mejju 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

Th. PANGALOS

Billi l-aspetti tal-proposti li jikkonċernaw il-persunal taċ-Ċentru għandha ssir xi ħaġa dwarhom fi stadju ulterjuri; billi dan ir-Regolament ma jippreġudikax il-posizzjoni tal-persunal taċ-Ċentru,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 337/75 qiegħed hawn jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Iċ-Ċentru m'għandux jaħdem għall-profitt. Għandu jkollu s-sede tiegħu f'Tessaloniki."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Settembru 1994.

⁽¹⁾ ĠU Nru Ċ 74, 12. 3. 1994, p. 12.

⁽²⁾ ĠU Nru Ċ128, 9. 5. 1994.

⁽³⁾ Opinjoni mibgħuta fis-27 ta' April 1994 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali)

⁽⁴⁾ ĠU Nru Ċ 323, 30. 11. 1993, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU Nru L 39, 13. 2. 1975, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 1946/93 (ĠU Nru L 181, 23. 7. 1993, p. 11).